MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 2475/2000/1

**George Zammit**
**v.**

**Angelic Mifsud u martu Monica Mifsud**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'ċitazzjoni ppreżentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Novembru, 2000 l-attur ippremetta: illi l-konvenuti għandhom iħallsu lill-attur is-somma ta' tlett elef tmien mija u tlieta u sittin Lira Maltija u disgħa u sittin ċenteżmu (Lm3,863.69) liema somma tirrappreżenta in

kwantu għal elfejn, erba' mija u sitta u disgħin Lira Maltija (Lm2,496) ammont ta' flus mislufa lill-konvenuti, u in kwantu għal elf, tliet mija u sebgħa u sittin Lira Maltija u disgħa u sittin ċenteżmu (Lm1,367.69), bilanċ mhux imħallas minn prezz ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata, fuq ordni tal-istess konvenuti; illi inkwantu għas-self ta' elfejn, erba' mija u sitta u disgħin Lira Maltija (Lm2,496), il-konvenuti kienu avvanzaw ċekk maħruġ mis-soċjeta` Power Centre Limited, iżda dan iċ-ċekk ġie ritornat bil-kummenti "refer to drawer" u qed jiġi hawn esebit bħala Dok. 'A'; illi dan id-dejn huwa ċert, likwidu u dovut u għalkemm interpellati, anke uffiċjalment, il-konvenuti baqgħu inadempjenti; illi fil-fehma tal-attur, il-konvenuti m'għandhomx eċċezzjoni valida x'jagħtu kontra din l-azzjoni; illi għall-finijiet tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili qiegħed jiġi hawn anness affidavit tal-attur u mmarkat bħala Dok. 'B';

Dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:
(1) Tgħaddi għas-sentenza bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u

(2) Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur is-somma minnhom dovuta ta' tlett elef, tmien mija u tlieta u sittin Lira Maltija u disgħa u sittin ċenteżmu (Lm3,863.69) liema somma tirrappreżenta in kwantu għal elfejn, erba' mija u sitta u disgħin Lira Maltija (Lm2,496) ammont ta' flus mislufa lill-konvenuti, u inkwantu għal elf, tliet mija, sebgħa u sittin Lira Maltija u disgħa u sittin ċenteżmu (Lm1,367.69), bilanċ mhux imħallas minn prezz ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata, fuq ordni tal-istess konvenuti.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-24 ta' Mejju, 2000 u tal-mandati ta' sekwestru, qbid u inibizzjoni bin-numri 3891/00, 3890/00 u 3889/00 rispettivament, u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-istess ittra uffiċjali kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-digriet tat-12 ta’ Diċembru, 2000 illi permezz tiegħu l-konvenuti ġew awtorizzati jippreżentaw nota tal-eċċezzjonijiet.

B’nota tal-eċċezzjonijiet ippreżentata fid-29 ta’ Diċembru, 2000 il-konvenuti eċċepew:

Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu riġettati bl-ispejjeż kollha kontra l-attur għaliex:
a) Preliminarjament illi l-eċċipjenti m’humiex il-leġittimi kontradditturi f’din l-istanza l-għaliex qatt ma kellhom l-ebda relazzjonijiet ma’ l-attur fil-kwalita` tagħhom proprja;

b) In linea preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost illi l-ewwel talba attriċi, fiha nnifisha kif fuq intqal, infondata fil-fatt u fid-dritt, tirrazenta abbuż serju fil-proċess ġudizzjarju u l-eċċipjenti minn issa qegħdin jitolbu li din l-Onorabbli Qorti tapplika fil-konfront tal-attur dawk is-sanzjonijiet kontemplati mil-liġi għal spergur;

c) In subordine u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-eċċipjenti fil-kwalita` tagħhom proprja, qatt ma kellhom l-ebda relazzjonijiet ma’ l-attur;

d) Illi kien hemm relazzjonijiet biss bejn l-attur u s-soċjetajiet kummerċjali minnu rappreżentanti Ocean Way Limited u Donnington Shipping Limited u s-soċjeta` kummerċjali Power Centre (Malta) Limited, illum Zachrome Limited, li tagħha l-eċċipjenti Angelic Mifsud huwa direttur;

e) Illi l-eċċipjenti fil-kwalita` tagħhom proprja m’humiex debituri tal-attur u/jew ta’ xi soċjeta` minnu rappreżentata u m’għandhom jagħtuh xejn;

f) Illi s-soċjeta` Zachrome Limited, gia` Power Centre (Malta) Limited m’humiex debitriċi la tal-attur u lanqas ta’ xi soċjeta` minnu rappreżentata u m’għandha tagħtih xejn, u fil-fatt huma l-attur u s-soċjetajiet kummerċjali minnu rappreżentati li huma debituri fil-konfront tas-soċjeta` Zachrome Limited.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

**Is-Sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fis-6 ta' Frar, 2008 bil-mod segwenti:

*"Il-Qorti għaldaqstant filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti tilqa' t-talbiet attriċi (eċċetto l-ewwel talba billi l-konvenuti tħallew jippreżentaw nota tal-eċċezzjonijiet u għalhekk issa tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha) u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur is-somma ta' tmint elef, disa' mija, disgħa u disgħin Euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€8,999.98), (ossija tlett elef, tmien mija, tlieta u sittin Lira Maltin u disgħa u sittin ċenteżmu {Lm3,863.69} konvertiti għall-munita ta' llum) bl-imgħaxijiet kif mitluba. L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu wkoll mill-konvenuti."*

Dik il-Qorti waslet ghad-decizzjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi ma hemmx dubju li l-punt ta' kontestazzjoni prinċipali ta' din il-kawża huwa jekk teżistix o meno relazzjoni ġuridika bejn il-kontendenti billi l-konvenuti qed jinsistu fl-eċċezzjonijiet tagħhom li huma ma humiex personalment tenuti jħallsu l-ammonti mitluba mill-attur għaliex il-konvenut Angelic Mifsud innegozja miegħu f'isem is-soċjetajiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni u li tagħhom huwa direttur.

"Il-Qorti tagħmilha ċara mill-ewwel li fir-rigward taċ-ċekk ta' elfejn, erba' mija u sitta u disgħin Lira Maltija (Lm2,496) imsemmi fiċ-ċitazzjoni ma hemmx dubju li kien ġie mogħti mill-attur lill-konvenut f'ismu proprju u allura ssarraf ukoll minnu. Għalhekk żgur li l-konvenut b'ebda mod ma jista' jiskaġuna ruħu minn din l-obbligazzjoni personalment. Kif sewwa qal l-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu l-konvenut għalkemm fid-depożizzjoni tiegħu quddiem l-Assistent Ġudizzarju qal li jipproduċi dokumentazzjoni biex jipprova li huwa dejjem innegozja f'isem xi waħda

minn dawn is-soċjetajiet, huwa qatt ma għamel dan. Il-fatt li kien ser iħallas tramite waħda minn dawn is-soċjetajiet u dan iċ-ċekk ma ssarrafx għaliex ma kienx hemm fondi suffiċjenti

"Fil-verita` anke fir-rigward tal-bilanċ ta' elf, tliet mija u sebgħa u sittin Lira Maltija u disgħa u sittin ċenteżmu (Lm1,367.69) il-konvenut matul il-kors tal-kawża qatt ma ta spjegazzjoni verosimili u mill-kumpless tal-provi l-Qorti tħoss li t-talba attriċi għandha wkoll tiġi milqugħa. Il-konvenut hawnhekk daħħal fin-nofs soċjeta` oħra – Galea Brothers – u qatt ma ta spjegazzjoni ta' kif din kellha x'taqsam man-negozju tiegħu. Anzi l-Qorti tħoss li kien hemm ċerti raġġiri da parti tiegħu biex jeludi dan id-debitu u dan jgħodd ukoll għaċ-ċekk fuq riferit. Il-konvenut dejjem deher personalment għan-negozju ma kellux jippretendi li l-attur ikun jaf taħt liema vesti qed jagħmel dan. Hu preżunt li allura kien qed jaġixxi personalment. Il-Qorti tħoss ukoll li kollox ma' kollox din il-kawża ma kellhiex iddum daqshekk biex tiġi deċiża u dan parzjalment għaliex sfortunatament meta waslet biex tiġi deċiża fis-sena 2005, il-proċess oriġinali sparixxa.

"Rigward il-konvenuta, din tħarrket billi komparteċipi fil-komunjoni tal-akkwisti u ma tressqet ebda prova li turi mod ieħor."

**Ikkunsidrat:**

F'dawn il-proceduri l-attur George Zammit qieghed ifittex ghal hlas ta' zewg sommom li huwa jghid li huma dovuti lilu mill-konvenut Angelic Mifsud personalment u incidentalment minn martu bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma' zewgha. Dawn l-ammonti huma s-somma ta' LM2,496 li l-attur jghid li silef lill-konvenut u liema hlas sar b'*cheque*, u s-somma ta' LM1,367.69 prezz ta' merkanzija li huwa jghid li biegh direttament lill-istess konvenut fil-kapacita` tieghu personali.

Il-konvenut da parti tieghu jsostni li huwa, fil-kapacita` tieghu personali, qatt ma kkuntratta mal-attur ghall-

akkwist ta’ xi merkanzija u li huwa fl-istess kapacita` qatt ma issellef flus minghand l-attur.

Il-konvenuti ressqu diversi eccezzjonijiet kontra t-talba attrici fejn bazikament isostnu li huma mhux il-legittimi kontraditturi f’dawn il-proceduri billi r-relazzjoni guridika kienet dejjem bejn l-attur jew is-socjetajiet tieghu u s-socjeta` tal-istess konvenut u cioe` Power Centre li huwa kellu bi shab ma’ huh Jesmond Mifsud.

Kif rajna aktar ’l fuq l-ewwel Qorti tat affidament ghall-verzjoni attrici billi rriteniet li n-negozju sehh bejn il-kontendenti u konsegwentement ikkundannat lill-konvenuti jhallsu s-somma indikata fic-citazzjoni.

**L-appell tal-konvenuti.**

Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b’rikors intavolat fis-26 ta’ Frar, 2008 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija din il-Qorti joghgobha tannulla u thassar is-sentenza imsemmija u ghalhekk tichad it-talbiet attrici. L-appellanti talbu wkoll li wara li thassar l-imsemmija sentenza u billi din inghatat mhux fuq il-provi kollha akkwizit quddiem l-ewwel Qorti, tirrinvija l-atti processwali quddiem l-ewwel Qorti sabiex din, wara li tiehu konjizzjoni ta’ process integru u mhux mankanti, taqta’ u tiddeciedi l-kawza skond il-ligi. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.

Ir-risposta tal-attur ghal dan l-appell irrizulta li kienet tardiva u ghalhekk fl-udjenza tas-16 ta’ Frar, 2010 din il-Qorti ordnat l-isfilz taghha. Dakinhar gie verbalizzat minn wiehed mid-difensuri tal-konvenuti li t-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tal-konvenut Angelic Mifsud tinsab disponibbli ghand wiehed miz-zewg avukati tal-appellanti u cioe` Dr Godfrey Gauci Maestre. Il-Qorti ghalhekk, filwaqt li ddifferiet il-kawza ghal seduta ohra, ordnat li “*sa l-udjenza li jmiss jipprezentaw t-traskrizzjoni tad-deposizzjoni jew deposizzjonijiet kollha li huma qed jghidu li kienu neqsin meta saret ir-rikostruzzjoni tal-process*.” Fl-udjenza tat-13 ta’ April, 2010 Dr Joseph Schembri ezebixxa permezz ta’ nota t-traskrizzjonijiet tad-

deposizzjonijiet imsemmija fil-verbal precedenti u ddikjara li l-appell jista’ jigi trattat u deciz fuq l-atti li hemm.

Din il-Qorti tosserva li apparti t-traskrizzjoni tax-xhieda ta’ Nader Bassily u Amir Bassily li kienu nghataw quddiem l-assistent gudizzjarju, it-traskrizzjonijiet tax-xhieda tal-konvenut moghtija quddiem l-assistent gudizzjarju fis-seduta tal-21 ta’ Jannar, 2002, kif ukoll id-diversi kontroezamijiet tal-attur hemm annessi, kollha kienu jinsabu fil-process meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza mill-ewwel Qorti. Ghalhekk, anke in vista tad-dikjarazzjoni tad-difensur tal-konvenuti maghmula fl-udjenza tat-13 ta’ April, 2010 il-pregudizzjali kontenuta fl-ewwel u fit-tieni aggravju tal-konvenuti appellanti ma ghandhiex aktar relevanza.

Apparti dak li nghad hawn fuq, l-appellanti ressqu diversi aggravji kontra s-sentenza. Dawn kienu fis-sens:
a) li n-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur qatt ma giet notifikata lilhom.

b) Li l-ewwel Qorti naqset li tiddeciedi l-ewwel talba attrici.

c) Li kien hemm vjolazzjoni tal-principju “*audi alteram partem*” billi ma kellhiex quddiemha x-xhieda tal-konvenut moghtija fl-udjenza tal-20 ta’ Dicembru, 2000 u xi ritratti ezebiti mid-difensur tal-konvenuti.

d) Li l-ewwel Qorti ghamlet asserzjoni gratuwita meta ddikjarat li la darba l-konvenut kien jidher personalment fin-negozji ma’ l-attur dan ma setax jaf taht liema vesti qed jaghmel dan in-negozju.

e) Li l-ewwel Qorti zbaljat meta ddikjarat li l-konvenuta tharrket bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti.

**Ikkunsidrat:**

Kif jidher mill-aggravji mressqa mill-konvenuti appellanti u sahhansitra mir-rikors tal-appell innifsu, l-appellanti bl-ebda mod ma indirizzaw il-kwistjoni centrali li wasslet lill-

ewwel Qorti biex tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha kif jidher fis-sentenza fuq riportata. B'dan kollu din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-provi kollha li ngiebu mill-partijiet u li jirrizultaw in atti u tikkummenta kif gej.
Dwar l-aggravju mressaq in konnessjoni man-nuqqas ta' notifika tan-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur lill-kontro-parti, jigi rilevat li din in-nota giet prezentata fl-udjenza tal-24 ta' Gunju, 2005. Dakinhar la l-konvenuti u lanqas id-difensur taghhom ma jirrizulta li kienu prezenti fl-awla. Dakinhar il-konvenut inghata sa l-ahhar ta' Awissu 2005 biex jipprezenta nota responsiva u l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tat-30 ta' Novembru tal-istess sena. F'dik l-udjenza l-Qorti rrilevat li ma kienitx f'pozizzjoni li tirredigi s-sentenza peress li kienet sprovista mill-process. F'dik l-udjenza id-difensur tal-konvenuti stqarr li "minhabba dan il-fatt ghadu ma pprezentax in-nota responsiva". F'dik l-udjenza pero` l-istess difensur tal-konvenuti ma semma' xejn li huwa ma kienx inghata kopja tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur u ghalhekk din il-Qorti tifhem li l-istess difensur tal-konvenuti kien fil-pussess tan-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur u pprezentata fl-udjenza tal-24 ta' Gunju, 2005, jew ghall-anqas certament kien jaf biha u seta' facilment talab kopja taghha. Altrimenti wiehed jasal ghall-konkluzjoni li kulma ried jaghmel l-imsemmi avukat kien li jiddilunga l-proceduri!

Wara l-udjenza tat-30 ta' Novembru, 2005 meta l-kawza giet imhollija ghar-rikostruzzjoni tal-process u l-prezentata tan-nota risponsiva, kien hemm sahhansitra seba' seduti fejn la l-konvenuti u lanqas id-difensur taghhom ma dehru, u fl-udjenza tal-10 ta' Ottubru, 2007 deher id-difensur tal-attur li nforma lill-Qorti li kien irnexxielu jaghmel rikostruzzjoni tal-process. Dak inhar il-kawza giet imhollija ghall-<u>kontinwazzjoni</u> ghas-seduta tas-26 ta' Novembru, 2007. F'dik l-udjenza deher biss id-difensur tal-attur u l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-6 ta' Frar, 2008 meta effettivament inghatat is-sentenza. F'dan il-perjodu kollu ta' cirka xahrejn u ghaxart ijiem il-konvenuti jew id-difensur taghhom lanqas biss indenjaw ruhhom li jattiraw l-attenzjoni tal-Qorti li, kif qed jallegaw illum, ma kellhomx kopja tan-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur. Ghalhekk

*imputet sibi*, u f'dan l-istadju l-konvenuti ma jistghux jilmentaw li ma kellhomx l-opportunita` li jipprezentaw nota tal-osservazzjonijiet. Dan apparti l-fatt li l-istess nota tal-attur kienet tinsab fil-process u l-konvenuti setghu facilment jottjenu kopja taghha. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

L-appellanti qed jilmentaw li l-ewwel Qorti naqset milli tiddeciedi fuq l-ewwel talba kontenuta fic-citazzjoni u semplicement astjeniet milli tiehu konjizzjoni taghha. L-ewwel talba attrici kienet dik imsejsa fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 167 tal-Kap. 12 sabiex il-Qorti tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza. Gialadarba l-ewwel Qorti kkoncediet lill-konvenuti l-fakolta` li jikkontestaw ic-citazzjoni kienet pjenament korretta li ma tiehux aktar konjizzjoni ta' din it-talba. Il-konvenuti jikkontendu li l-fatt li huma nghataw il-fakolta` li jikkontestaw il-kawza certament kien jimponi obbligu fuq il-Qorti li tiddeciedi li l-ewwel talba ma kienitx misthoqqa u kellha tichadha u tikkundanna lill-attur fl-ispejjez taghha. Din il-Qorti izda tosserva li fi proceduri mehudin bil-procedura tal-giljottina l-konvenut jinghata d-dritt jikkontesta fuq aspettattiva li jkollu difiza li *prima facie* kienet timmerita li tinstema', izda la darba jirrizulta lill-Qorti li dik id-difiza ma kienitx gustifikata, il-Qorti ghandha takkorda l-ispejjez tat-talba maghmula a tenur tal-Artikolu 167 fuq imsemmi fuq l-parti sokkombenti. Dan l-aggravju ghalhekk ukoll ma jirrizultax gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

L-ilment marbut mal-principju tad-dritt tal-*audi alteram partem* jidher sorvolat b'dak li gara u b'dak li gie dikjarat quddiem din il-Qorti kif hawn fuq riportat u ghalhekk din il-Qorti ma tarax il-htiega li tinvesti dan l-argument.

**Ikkunsidrat:**

Ir-raba' aggravju jindirizza l-mertu proprju tal-kwistoni u cioe` r-relazzjoni guridika li kien hemm bejn il-kontendenti

jew l-assenza ta' tali relazzjoni guridika – fi ftit kliem jekk il-konvenuti kienux il-legittimi kontradditturi f'dawn il-proceduri.

Din il-Qorti, kif gia` nghad, hadet konjizzjoni tal-provi estensivi mressqa mill-partijiet u hija tal-fehma li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti kienet, fic-cirkostanzi, gusta u ghalhekk timmerita konferma.

Jinghad qabel xejn li t-talba attrici tikkoncerna zewg ammonti separati u distinti li l-attur qed jippretendi minghand il-konvenuti. Wiehed rappresentat minn import ta' *cheque* li l-attur jghid li ta lill-konvenut personalment b'titolu ta' self, u ammont iehor rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha lill-konvenut.

Kif gia` rajna ghalkemm il-konvenuti ma jikkontestawx dan l-ammont isostnu li s-somma mislufa ammontanti ghal LM2,496 kienet hekk mislufa lis-socjeta` Power Centre Ltd li l-istess konvenut kien socju taghha. Biss jigi osservat li *cheque* huwa *document of title* u salv prova kuntrarja, huwa xhieda li dak il-pagament sar lill-persuna li tissemma' fuqu u mhux lil xi terza persuna. Issa fil-kaz in ezami, ghalkemm jirrizulta li bejn l-attur jew is-socjetjiet tieghu u l-konvenut u s-socjetajiet tieghu kien hemm negozji varji, fil-kaz in ezami jidher car li l-konvenut kien talab self personali minghand il-konvenut biex ikun jista` jhallas l-ispejjez tal-*landing charges* konnessi ma' merkanzija li l-istess konvenut kien importa. Fl-okkazzjoni tas-self ma ssemmiet ebda socjeta` u r-relazzjoni kienet diretta bejn l-attur u l-konvenut. Il-fatt li l-istess konvenut hareg *post date cheque* fuq is-socjeta` Power Centre Ltd in sodisfazzjon tal-hlas lura tal-ammont percepit, mhux rilevanti billi dejn ta' persuna jista` jigi sodisfatt minn terz. Dan apparti li dan ic-*cheque* qatt ma ssarraf mill-bank mentri c-*cheque* li rcieva l-istess konvenut <u>issarraf minnu personalment</u>. F'dan il-kuntest din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti u ghalhekk l-aggravju mhux gustifikat.

Fir-rigward tas-somma ta' LM1367.69 rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha lill-konvenut, mill-kumpless

tal-provi, u senjatament mix-xhieda tal-istess Jesmond Mifsud, hu l-konvenut, jirrizulta li l-istess konvenut, apparti n-negozju li kellu ma’ huh Jesmond fis-socjeta` Power Centre Ltd, kien ukoll jinnegozja fil-kapacita` tieghu personali mad-ditta Galea Brothers, li tinnegozja fil-bejgh tal-hut, billi kien parentat ma’ xi socji. Dan jikkorrobora dak li qal l-attur dwar id-diskors li sehh bejnu u l-konvenut in konnessjoni ma’ din il-merca u cioe` li l-istess konvenut kellu kuntatt ma’ bastiment esteru tas-sajd li kellu bzonn ta’ *fridge freezers* u xi patalotti ta’ *anti fouling* u kien mar ghand l-attur biex jbieghhomlu. Il-fatt li wara l-konsenja fl-imhazen ta’ Power Centre Ltd, din il-merkanzija la giet ritornata minn Jesmond Mifsud, hu l-konvenut, u lanqas mill-istess konvenut, huwa indikattiv li dak li qal l-attur huwa minnu. Dan l-aggravju ghalhekk ukoll mhux gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

Il-konvenuti fl-ahharnett jilmentaw li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta accettat li l-konvenuta kienet tharrket korrettament bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma’ zewgha u dan billi, skond il-konvenuti appellanti, ma ngiebet ebda prova ta’ tali komunjoni.

Din il-Qorti f’dan ir-rigward filwaqt li tirrileva li qatt ma tqajmet eccezzjoni quddiem l-ewwel Qorti f’dan is-sens, u ghalhekk dan l-aggravju ma jistax jigi kunsidrat, tosserva li skond il-ligi Maltija hemm prezunzjoni tal-ezistenza tal-komunjoni tal-akkwisti bejn zewg persuni mizzewgin Malta. Issa fil-kaz in ezami kien jispetta lill-konvenuti, jekk hekk kien jidhrilhom, li jippruvaw li huma b’xi mod kienu warrbu jew eskludew tali regim bil-konsegwenza li mart il-konvenut ma tkunx responsabbli bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti. Dan qatt ma sar, u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkunsidra b’certa serjeta` dan l-aggravju.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuti qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez ta’ dan l-appell kontra l-konvenuti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------